19 ta' Jannar, 1967

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Mary Anne sive Marion mart Michael Xuereb

*versus*

Michael Xuereb

**Alimenti — Manteniment — Konjugi — Mara Miżżewġa — Dar — Abbandun — Ġusta Kawża.**

*Il-mara għandha d-dritt għall-manteniment mingħand ir-raġel tagħha meta hija tkun irrifjutat li tirritorna fid-dar konjugali komuni minħabba ġusta kawża.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi proprio et nomine — premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni — premess li l-konvenut qiegħed jirrifjuta li jagħti manteniment kemm lilha kif ukoll lill-ulied komuni tal-kontendenti Frankie ta' tmien snin u Rita ta' erba' snin aħwa Xuereb; u illi l-attriċi kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali mħabba moħqrija u swat — talbet li l-konvenut għar-raġunijiet fuq imsemmija jiġi kkundannat iħallas lill-attriċi dik ir-rata alimentarja għaliha u għal uliedha minuri fuq imsemmija li tiġi ffissata minn dina l-Qorti; bl-ispejjeż oltre dawk tal-ittra uffiċjali tal-31 ta' Awissu, 1966.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attriċi pro et noe u n-nota tax-xhieda tagħha.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut (fol. 7) li biha eċċepixxa illi l-attriċi ma għandhiex dritt għal alimenti għaliha personalment peress li telqet mid-dar konjugali mingħajr raġuni valida skond il-liġi u irrifjutat li tirritorna nonostanti li ġiet interpellata għal dan l-iskop. Kwantu għal alimenti tat-tfal komuni l-eċċipjenti qiegħed iħallas dawn l-alimenti billi qiegħed iħallas lil Gvern is-somma ta' £1.1. fil-ġimgħa liema somma l-Gvern qiegħed iħallas lill-istess attriċi għal manteniment tat-tfal. Għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni rispettiva tal-partijiet;

Semgħat ix-xhieda prodotti;

Semgħat lid-difensuri tal-partijiet;

Tikkunsidra illi l-attriċi għandha magħha ż-żewġt itfal komuni Frankie u Rita ta' tmien snin u erbgħa snin rispettivament. Hija ħadithom magħha meta ħarġet mid-dar ftit xhur ilu. Il-kontendenti ilhom miżżewġa disa' snin, imma jidher li hemm inkwiet kontinwu bejniethom stanti ġelożija eċċessiva da parti tal-konvenut. Fl-aħħar okkażjoni l-konvenut ġie fil-għodu d-dar u staqsa lill-attriċi jekk kienetx ħarġet tixtri u hija qaltlu le, u meta huwa qalha li kienet ħarġet tixtri, kontra d-divjet tiegħu, minn ċertu ħanut u hija ammettiet li kienet marret hemmhekk beda jinkorla u jsawwatha. Dana ma kienx inċident iżolat, u l-ġelożija tal-konvenut tasal sal-pont li huwa joqgħod isaqsi lit-tifel jekk rax lill-ommu tagħmel xi sinjali. Il-konvenut sawwat lill-attriċi anke barra mid-dar konjugali meta hija marret għand il-ġirien. Inoltre l-konvenut jgħajjar ukoll lill-attriċi u jsemmilha ħafna rġiel u inqas ma jridha titla' fuq il-bejt jew toħroġ tixtri wara t-tmienja ta' filgħodu.

Il-konvenut jgħid li huwa joġġezzjona biss li l-mara tmur tixtri minn ċertu ħanut partikolari, u li hija ssawtu wkoll u dejjem tgħidlu li tibdlu, u intant qatt ma ħa passi biex jinfired minnha; ammetta li sawwata diversi drabi u anke ta bil-ponn fuq għajnejha.

Fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza ormai kostanti u kif kjarament enunċjata fid-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell in re "Quintano vs Quintano" (Kollez. Vol. XXXIX, P. 1, Paġ. 321) il-mara għandha dritt għall-alimenti kontra żewġha sakemm ma tkunx tilfet dana d-dritt, u f'konkors ta' kawża ġusta l-mara tista' tirrifjuta li terġa' tmur id-dar konjugali anke jekk tiġi għal dana interpellata minn żewġha. Fil-fehma tal-Qorti l-attriċi kienet ġustifikata li toħroġ mid-dar konjugali, u għalhekk sakemm il-konvenut ma jeħlies mill-obbligu tal-manteniment tal-mara fuq azzjoni tiegħu għas-separazzjoni personali huwa obbligat imantni lill-attriċi. Ma hemmx għalfejn wieħed jgħid li l-konvenut huwa dejjem obbligat li jmantni liż-żewġ

itfal minorenni, u l-fatt li huwa qiegħed iħallas lid-Dipartiment tas-Social Service £1.1.0. fil-ġimgħa għal manteniment ta' dawn it-tfal ma jagħmilx differenza, għaliex dan id-Dipartiment jidħol biss provisorjament sakemm ma jkunx qiegħed isir il-manteniment minn min huwa obbligat bil-liġi, u barra minn dan jista' wkoll il-konvenut jiġi kundannat iktar milli qiegħed iħallas lill-Gvern.

Kwantu għal mezzi l-konvenut jaħdem id-Dockyard u jaqla' ex admissis, £9.5.0. fil-ġimgħa bħala paga u lira oħra fil-ġimgħa minn mindu ġie introdott fid-Dockyard is-sistema tax-shift. Dina l-lira għalhekk ma joħodhiex meta jkun bil-leave, imma mill-banda l-oħra hu jista' wkoll jaħdem overtime.

Għalhekk wieħed jista' liberament jgħid li £10.5.0. fil-ġimgħa jaqlagħhom dejjem il-konvenut. Irriżulta wkoll li meta l-kontendenti kienu flimkien, il-konvenut kien jagħti lill-attriċi bejn erbgħa liri u nofs u ħames liri fil-ġimgħa għal ħajja biss, u spejjeż oħra kienu jieħdu minn dak li kienu jfaddlu. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li għal manteniment tal-attriċi u tat-tfal tagħha retta xierqa tkun ta' ħames liri fil-ġimgħa, stante li l-konvenut biex jgħix waħdu jkollu ċertu ammont ta' spejjeż extra.

Għaldaqshekk tiddeċidi billi tilqa' t-talba tal-attriċi u tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-attriċi għaliha u għal uliedha r-rata ta' ħames liri (£5) fil-ġimgħa pagabbli fid-dar tal-abitazzjoni tagħha — bl-ispejjeż kontra l-konvenut.